**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Jannar, 2024**

Rikors Numru: 149/23 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 2181/1994)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fis-17 ta' Novembru 1994 f'Tameside fir-Renju Unit u sussegwentement u cioe fit-23 ta' April 1995 bir-Rit Kattoliku gewwa Malta fil-Knisja (vide dokumenti

relative annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B u z-zwieg taghhom huwa registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru 2181/1994.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal E(10.08.2005) u F(14.01.2008) u konsegwentement it-tnejn għadhom minorenni;

3. Illi l-imsemmija konjugi infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, fil-11 ta' Settembru, 2019, vera kopja ta' l-l-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C';

4. Illi għalhekk jirriżulta li għaddew diversi snin mid-data tal-kuntratt tas- separazzjoni legali taghhom u b'hekk gie sodisfatt dak rikjest mill-Artikolu 66B (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikoncilijazzjoni bejn il-partijiet stante li ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u kwindi sodisfatt ukoll dak rikjest mill-Artikolu 66B (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi, skont l-artikolu numru hamsa paragrafu wiehed (5i) tal-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni il-partijiet rrinunzjaw b'mod definit milli jitolbu u/jew jircievu l-manetiment minghand xulxin u għalhekk dak depost fl-artikolu 66B (d) hu sodisfatt;

7. Illi rigward manteniment ghat-tfal isir referenza ghall-klawsola, sebgha paragrafu wiehed (7(i) u erbatax (14) tal-kuntratt tas-separazzjoni personali u kif jirrizulta mill-istess kuntratt dan hu mhallas sal-eta' tmintax-il sena u għalhekk dak depost fl-artikolu 66B (d) hu sodisfatt;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-hall definittiv taz-zwieg u ksib tad-divorzju bejn il-partijiet hekk skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Tiddikjara u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk fl-stess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini tal-Artikolu 66A (4), javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex b'hekk dan ikun jista' jigi registrat fir-Registru Pubbliku skond il-Ligi u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ Marzu 2023;

Rat illi-intimat debitament notifikat u prezenti fl-awla wiegeb li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Settembru 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.